MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 59/2007/1

Joseph Micallef u Dorianne Micallef

Vs

Maria Assunta Spiteri

Il-Qorti,

**F'din il-kawza l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuta sabiex twettaq l-obbligazzjoni li tbiegh garaxx taht il-pattijiet u kondizzjonijiet stipulati f'konvenju. Il-konvenuta ssostni li l-ftehim hu milqut minn simulazzjoni ghaliex kien qieghed jimmaskera self, kif ukoll li l-kunsens taghha hu vvizjat minhabba eghmil doluz tal-atturi.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-8 ta' Gunju 2007 li bih l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kundannata tersaq

ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ bejgh tal-garaxx semi basement numru 7A, Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex fi zmien li jigi stabbilit mill-qorti u sabiex ghal dan il-ghan tinnomina nutar ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att f’jum, post u hin li jigi ffissat mill-qorti u kuraturi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci. Dan wara li l-atturi ppremettew li fil-21 ta’ Awwissu 2006 l-konvenuta obbligat ruhha li tbiegh dan il-fond lill-atturi u peress li baqghet inadempjenti, kellhom isiru dawn il-proceduri.

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-konvenuta fil-21 ta’ Awwissu 2007 (fol. 19) fejn iddikjarat:-

1. L-iskrittura tal-21 ta’ Awwissu 2006 hi simulata ghaliex hi mod kif jigi maskerat negozju ta’ self li sar bejn l-atturi u certu Vincent u Rita konjugi Zammit.
2. Originarjament l-atturi kienu hallsu ghan-nom ta’ Vincent u Rita konjugi Zammit is-somma ta’ wiehed u tmenin elf lira Maltija (Lm81,000) li minnhom il-konjugi Zammit hallsu s-somma ta’ hamsin elf lira Maltija (Lm50,000).
3. L-atturi baqghu jinsistu li riedu garanzija fuq il-bilanc u wara li Zammit ma hallsux, il-konvenut giet mitluba taghti garanzija bil-garaxx mertu tal-kawza. Hi resqet ghall-iskrittura bl-iskop li taghti garanzija fir-rigward tal-bilanc u mhux li ssir taghti weghda ta’ bejgh. Il-fatt li n-negozju guridiku ha forma ta’ bejgh m’huwiex hlief rizultat tal-fabbrikazzjoni bejn l-atturi u l-legali taghhom. Infatti l-konvenuta qatt ma nghatat kopja tal-iskrittura u wisq inqas ma giet spejgat lilha l-kontenut ta’ l-iskrittura li ffirmat.
4. F’kull kaz l-atturi ma pprezentawx l-iskrittura ta’ tigdid tal-konvenju u ghalhekk jirrizulta li l-konvenju skada.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Lulju 2008 meta l-qorti ddikjarat maghluq l-istadju tal-provi tal-konvenuta wara li hi u d-difensur taghha naqsu milli jattendu u ddiferiet il-kawza ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu. Wara dakinhar

il-konvenut ma ghamlet l-ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat id-digriet moghti fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2008 li bih il-qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u ordnat li jixhed in-nutar Andre' Farrugia.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Dicembru 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenuta tigi kkundannata tersaq ghall-kuntratt ta' bejgh tal-garaxx 7A, Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex skond konvenju li sar fil-21 ta' Awwissu 2006.

2. Fil-qosor il-fatti tal-kawza huma dawn:-

(a) Permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Lulju 2005 fl-atti tan-nutar Andre Farrugia (Dok. AF2) gie dikjarat li l-atturi taw b'self lil Jason u Silvia konjugi Zammit is-somma ta' erbgha u hamsin elf lira Maltija (Lm54,000), liema ammont kellu jithallas sal-15 ta' Novembru 2006.
(b) Fil-21 ta' Awwissu 2006 il-partijiet iffirmaw konvenju (fol. 6) li bih il-konvenuta obbligat ruhha li tbiegh lill-atturi *"….il-garage semi basement markat ufficjalment bin-numru sebgha (7) ittra "A", f'Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex"* ghall-prezz ta' erbgha u hamsin elf lira Maltija (Lm54,000), *"…..li ghandhom jithallsu billi il-futuri kompraturi iccedu a favur tal-venditrici il-kreditu li huma ghandhom resultanti minn kuntratt li jggib id-data ta' 22 ta' Lulju 2005 bejn l-imsemmija mizzewgin Micallef u Jason u Silvia mizzewgin Zammit, u l'imsemmija venditrici taccetta."*. Il-konvenju kien validu sal-20 ta' Marzu 2007.
(c) Jason Zammit hu n-neputi tal-konvenuta u iben Vincent Zammit.
(d) Fl-14 ta' Marzu 2007 l-atturi pprezentaw ittra ufficjali (fol. 34) u nfurmaw lill-konvenuti li mir-ricerki kien irrizulta li l-garaxx oggett tal-konvenju kien milqut minn ipoteka specjali ghas-somma ta' ghoxrin elf lira Maltija

(Lm20,000). Ghalhekk interpellawha sabiex *"…..minnufih tirrimedja n-nuqqasijiet hawn fuq ravvizati u dana skond il-ligi u permezz tad-debiti pagamenti, atti u/jew atti korrettorji mehtiega mil-ligi u dan ai fini li inti tkun tista' tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali ta' bejgh u trasferiment u dan fit-terminu tal-kuntratt premess tal-21 t'Awwissu, 2006."*.

(e) Fid-19 ta' April 2007 il-partijiet iffirmaw skrittura li biha geddew sad-19 ta' Mejju 2007 l-effetti tal-konvenju li sar fil-21 ta' Awwissu 2006 (fol. 38).

(f) Fit-18 ta' Mejju 2007 l-atturi pprezentaw ittra ufficjali (fol. 36) kwazi identika ghal dik prezentata fl-14 ta' Marzu 2007, u filwaqt li nterpellaw lill-konvenuta ghan-nuqqasijiet li kienu rrizultaw mir-ricerki ddikjaraw li *"…..jirriservaw id-drittjiet kollha taghhom inkluz, izda mhux limitata ghad-dritt li jezigu li inti tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali u jirriservaw, fi kwalsiasi kaz, kull azzjoni lilhom spettanti ghad-danni u/jew risarciment mod iehor skond il-ligi."*.

(g) L-atturi jridu li l-konvenuta twettaq l-obbligu taghha li tbiegh il-proprjeta'. Fil-meritu l-konvenuta qeghda ssostni li:-

(a) Hemm simulazzjoni ghaliex l-iskrittura kienet il-mod kif gie maskerat negozju ta' self li sar bejn l-atturi u Vincent u Rita konjugi Zammit. Ghalhekk trid li l-qorti tiddikjara n-negozju guridiku veru li sehh bejn il-partijiet;

(b) Il-konvenuta kienet ressqet bl-iskop li tigarantixxi l-hlas ta' bilanc ta' flus li kienu ghadhom dovuti mill-konjugi Zammit lill-atturi. Il-fatt li n-negozju guridiku ha forma ta' konvenju ghall-bejgh ta' proprjeta' kien biss rizultat ta' fabbrikazzjoni li kien hemm bejn l-atturi u l-legali taghhom.

3. Permezz tar-raba' eccezzjoni l-konvenuta qeghda ssostni li ma gietx prezentata kopja tal-iskrittura li biha gie mgedded il-konvenju li gie ffirmat fil-21 ta' Awwissu 2006, *"…..u ghalhekk mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-konvenju huwa skadut."* (fol. 20). Permezz ta' nota prezentata fil-31 ta' Ottubru 2007 l-atturi pprezentaw kopja ta' din l-iskrittura (fol. 38) li ggib id-data tad-19 ta' April 2007 fejn jinghad: *"Ahna hawn taht iffirmati qedin ingeddu*

*u naghtu effett ghal-konvenju minnha iffirmat fl-21 ta' Awwissu 2006, u dana sa 19 ta' Mejju 2007 u dana taht l-istess pattijiet u kondizzjonijiet, u dana rigward il-garage nru. 7 ittra "A" f'Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex."* (fol. 38). Waqt il-kontro-ezami l-konvenuta kkonfermat li kienet qeghda taghraf il-firma taghha fuq din l-iskrittura (fol. 42)[1]. Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

4. L-ewwel eccezzjoni hi fis-sens li l-konvenju tal-21 ta' Awwissu 2006 hu simulat ghaliex kien il-mezz kif jigi mohbi negozju ta' self li sar bejn l-atturi u certu Vincent u Rita konjugi Zammit.

Sabiex issehh is-simulazzjoni hemm bzonn li jkun hemm ir-rieda tal-partijiet kollha ghal ftehim, kemm jekk din tkun **assoluta** jew **relattiva**. Ta' l-ewwel issehh fejn il-partjiet jaghmlu kuntratt li fir-realta' ma jridux. Min-naha l-ohra meta l-kontraenti jaghmlu kuntratt simulat sabiex jghattu kuntratt iehor li realment riedu jaghmlu, ikun il-kaz li wiehed jara liema ftehim riedu tassew jaghmlu[2]. Fl-affidavit li ghamlet il-konvenuta qalet li hi taqbel li *"….kelli naghmel tajjeb ghad-dejn ta' Vincent Zammit bil-garage tieghi. Izda huwa skorrett fejn jinghad li dan kellhu jsir permezz ta' konvenju."* (fol. 46). In kontro-ezami qalet: ***"….Fl-ebda stadju ma ridt inbigh il-post lil ta' Micallef."*** u baqghet tinsisti li hi kellha sempliciment tkun garanti ghas-somma ta' Lm12,000 dovuta minn Vincent Zammit lill-atturi (fol. 39). Il-verzjoni tal-konvenuta hi li kellu jsir ftehim bil-miktub li bih kienet ser tkun garanti ghas-somma ta' Lm12,000, ammont li Vincent Zammit kellu jhallas lill-atturi. Jekk il-konvenuta qeghda targumenta li ma reditx li jsir konvenju ghall-bejgh tal-fond in kwistjoni, il-qorti ma tifhimx kif il-konvenuta fl-eccezzjoni

---

[1] Seduta tal-11 ta' Dicembru 2007.

[2] *"In linea ta' simulazzjoni relattiva, fejn apparentement isir negozju, imma realment ikun intiz u jsir iehor, il-principju huwa li ghandu jsehh dak li l-partijiet riedu, u mhux dak li jidher li ghamlu; imma naturalment, sabiex in-negozju guridiku mohbi, indipendentement mill-falza apparenza tieghu, jista' jinghad li jkun jezisti, huwa mehtieg li jkun jew ikollu l-kondizzjonijiet essenzjali sabiex isehh dak il-kuntratt. Fi kliem iehor, jehtieg li jigi pruvat li l-kontraenti jkunu fil-fatt riedu n-negozju celat,……."* (**Elena Inguanez vs Avukat Dr. Carmelo Agius et nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' April 1957 – Vol. XLI.ii.980).

qeghda ssostni li s-simulazzjoni hi relattiva, fis-sens li l-ftehim qieghed jahbi negozju ta' self li sar bejn l-atturi u Zammit. Skond il-verzjoni li rrakkontat il-qorti fehemet li l-konvenuta tippretendi li sar ftehim li ma rieditx, u dan b'rizultat ta' fabbrikazzjoni min-naha ta' l-atturi u l-legali taghhom. F'tali cirkostanzi ma jistax ikollok simulazzjoni relattiva, in kwantu element essenzjali ghas-simulazzjoni hi **r-rieda tal-partijiet ghall-ftehim li jimmaskeraw il-verita'**; *"Si ha simulazione quando **volutamente** la reciproca dichiarazione delle parti non corrisponde al loro reale comune volore: le parti vogliono solo l'apparenza, mentre un loro segreto accordo precisa che esse non hanno voluto la sostanza del negozio."*[3]. Dan fis-sens li jsir kuntratt:

(a) Li hu fittizju, fis-sens li l-partijiet ma riedu jikkonkludu xejn (**simulazzjoni assoluta**);
(b) Taht l-apparenza ta' iehor (**simulazzjoni relattiva**).

Ghalhekk m'hemmx dubju li dan m'huwiex kaz ta' simulazzjoni, in kwantu l-konvenuta ssostni li qatt ma riedet tiffirma konvenju ghall-bejgh tal-garaxx u li ma kenitx taf x'qeghda tiffirma u li l-ftehim qatt ma gie spjegat lilha.

5. Inoltre, fir-risposta guramentata l-konvenuta qeghda wkoll ssostni vizzju tal-kunsens min-naha taghha ghaliex tghid li l-iskop tal-ftehim kien biex hi taghti garanzija permezz tal-fond oggett tal-konvenju ghall-hlas ta' bilanc ta' flus dovuti minn Vincent u Rita konjugi Zammit lill-atturi, u ***"Il-fatt li n-negozju guridiku ha l-forma ta' bejgh m'huwiex hlief risultat tal-fabbrikazzjoni bejn l-atturi u l-legali taghhom.*** *Infatti l-esponent qatt ma nghatat kopja ta' din l-iskrittura u wisq inqas ma gie*

[3] *Istituzioni di Diritto Civile,* Alberto Trabucchi (Edizzjoni numru 33), Cedam (1992) pagni 137 u 139; "*Biex ikun hemm simulazzjoni jrid ikun hemm ix-xjenza talpartijiet kollha li jridu joholqu l-att simulat."* (Vol. XXXVII – ii – p. 797). Ara wkoll **Maggur Joseph Frederick Gatt vs Maggur Victor Aloisius Tonna** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Frar 1973.

*spjegat lilha l-kontenut ta' l-iskrittura li hija ffirmat."* (fol. 20). Ghalhekk b'din l-eccezzjoni hu evidenti li l-konvenuta qeghda tallega li fir-realta' l-ftehim li sar ma kienx dak li riedet minhabba eghmil doluz min-naha ta' l-atturi u l-legali taghhom. F'dan il-kuntest l-eccezzjoni dwar is-simulazzjoni (l-ewwel eccezzjoni) u l-eccezzjoni li gie ffirmat ftehim li l-konvenuta ma rieditx minhabba *"..fabbrikazzjoni bejn l-atturi u l-legali taghhom."* (it-tielet eccezjoni), huma zewg eccezzjonijiet li jikkontradixxu lil xulxin. Ma tistax targumenta li l-ftehim hu simulat u fl-istess hin targumenta li l-kunsens hu vizjat ghaliex gie moghti minhabba eghmil doluz li jikkonsisti f'fabbrikazzjoni bejn l-atturi u l-legali taghhom.

6. Min-naha taghhom l-atturi jsostnu li l-eccezzjonijiet li nghataw fil-mertu mill-konvenuta, ma jistghux jinghataw *per via di eccezione* imma kellha ssir kawza jew talba rikonvenzjonali[4]. L-Artikolu 1226(1) tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"L-eccezzjoni ta' nullita tista', f'kull zmien, tigi moghtija minn dak li jkun imharrek ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt,* ***fil-kazijiet kollha li fihom huwa nnifsu seta' jagixxi ghar-rexxissjoni."***.

Il-qorti ma taqbilx mal-fehma li fejn parti ghal ftehim tista' tagixxi ghar-rexxissjoni tieghu, ikollha bilfors taghmel kawza[5]. L-Artikolu 966 tal-Kodici Civili jipprovdi li r-rekwiziti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, huma:-

*"(a) illi l-partijiet ikunu kapaci biex jikkuntrattaw;*
*(b)* ***il-kunsens ta' dak illi jobbliga ruhu****;*
*(c) haga zgura li tkun l-oggett tal-kuntratt;*
*(d) kawza lecita biex wiehed jobbliga ruhu;"*.

Imbaghad skond l-Artikolu 1212 tal-Kodici Civili, ftehim jista' jigi rexxiss meta ikollu wahda *"mill-kondizzjonijiet*

[4] Ara nota ta' sottomissjonijiet prezentata fl-14 ta' Awwissu 2008.
[5] Ara sentenza ta' din il-qorti kif presjeduta fil-kawza **Island Farmhouses Limited vs Michelina Xerri proprio et nomine et** deciza fis-26 ta' Settembru 2007.

*essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa”* jew *“li l-ligi tiddikjara espressament li hu null”*.

Dwar l-eghmil doluz, l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili jipprovdi:

*“**L-eghmil doluz huwa motiv ta’ nullita’ tal-ftehim** meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta.”*.

Meta wiehed jikkunsidra dawn il-provvediment il-qorti ma tarax kif tista’ tesprimi xi dubju li l-artikolu 1226(1) tal-Kodici Civili japplika fil-kaz ta’ eghmil doluz u ghal kazijiet ohra fejn parti tista’ tipprocedi gudizzjarjament b’azzjoni ghal rexxissjoni ta’ ftehim. Ghalhekk din il-kontestazzjoni ta’ l-atturi m’hijiex flokha.

7. Ghal dak li jikkoncerna l-eghmil doluz hu maghruf li:-

- Il-frodi qatt ma hi prezunta imma trid tigi pruvata;
- Il-piz tal-prova qieghed fuq min jaghmel l-allegazzjoni;
- Ghal finijiet ta’ frodi irid ikun hemm raggiri. Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Galea et v. Caruana Montaldo**, deciza fis-16 ta' Dicembru 1970, *"id-dolo jirnexxi meta ma jhallix il-vittma zmien u hsieb biex jirrezisti, anzi jnehhi minn mohhu l-icken idea li hemm bzonn ta' rezistenza u garanzija iktar minn dik prestata mill-persuna tal kontraent l-iehor u tal-fiducja risposta fiha."*.
- Ghal finijiet ta’ raggiri “……*occore un’elemento specifico costituito dalle false rappresentazioni, dagli artifizi fraudolenti, dallo inganno, usati quale mezzo per raggirare la scarsa intelligenza dell’altro contraente”* (**Giovanni Farrugia Gay v. Emanuele Farrugia Gay**”, Prim Awla, Qorti Civili, 3 ta’ Mejju 1921 (Vol.XXIV P II p 578).

- Ir-raggiri li jkunu ntuzaw iridu jkunu determinanti, cjoe' tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx taghmel il-ftehim;

Kif osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Gourmet Co. Ltd. et v. Vella**, deciza fid-19 ta' Novembru, 2001:- "*L-iskritturi li jikkrejaw obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti kellhom jigu prezunti illi huma validi u li fedelment jirriflettu l-volonta` kontrattwali taghhom. Min jallega l-kontra u jadduci propju l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bazat fuq xi wiehed mill-elementi li l-ligi stess tindika bhala raguni valida biex jigi vizjat tali kunsens, kellu biex jirnexxi fl-azzjoni, jipproduci provi univoci, konluzivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu.*"

Il-konvenuta xehedet li meta gie ffirmat il-ftehim fil-21 ta' Awwissu 2006[6] hi kellha taghti garanzija fuq il-fond in kwistjoni ghas-somma ta' tnax-il elf lira Maltija (Lm12,000) li kien dejn li Vincent u Rita Zammit kellhom ma' l-atturi u mhux tobbliga ruhha li tbiegh il-proprjeta' lill-atturi. Din il-verzjoni hi kemxejn differenti minn dak li ddikjarat fir-risposta guramentata[7] fis-sens li l-garanzija kellha tinghata ghal bilanc ta' disgha u ghoxrin elf lira Maltija (Lm29,000). Pero' kkonfermat li qatt ma kien hemm ftehim ghall-bejgh u xiri tal-garaxx. Il-konvenuta spjegat li dakinhar li ffirmat il-ftehim, ***"Jiena dak il-hin kont ftit ecitata u ma niftakarx x'inkiteb."*** (fol. 39). Qalet ukoll li, ***"Jiena ma kontx attenta f'dak illi qieghed jaqra n-nutar, kont tant mifxula, kont qisni ttarraxt"*** u kompliet ***"….kont mifxula, kont nervuza u vera ma kontx naf x'qieghed jigri."*** (fol. 41). Il-qorti hi tal-fehma li l-inkwiet li dahlet fih il-konvenuta mhux ghaliex l-atturi qarrqu biha imma ghaliex jidher li fdat lir-ragel ta' ohtha (Vincent Zammit)[8] u ma kenitx qeghda attenta ghal dak li qieghed jigri meta marru l-ufficcju tan-nutar Andre' Farrugia. Spjegat kif, ***"Ma' ta' Micallef kien jitkellem Vincent Zammit. Jien kont qeghda nafda fih jigifieri Vincent Zammit u kont qeghda naghmel kif jghidli Vincent Zammit."*** (fol. 40). Il-qorti temmen li l-konvenuta ma

[6] Kontro-ezami li sar fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007.
[7] Fol. 19.
[8] Vincent Zammit stess xehed li l-konvenut kienet tafda fih (fol. 49).

mxietx b'mod prudenti u attent biex tissalvagwardja l-interessi taghha. Bhallikieku dan ma kienx bizzejjed, fid-19 ta' April 2007 iffirmat ghat-tieni darba sabiex jiggedded l-ewwel ftehim, u dan minkejja li tghid li Vincent Zammit kien qalilha li kien hallas lill-atturi s-somma ta' Lm12,000 li suppost kien garantit bil-fond tal-konvenuta;*"Lil Vincent Zammit jiena ghidtlu, "dan x'tahwid hu ?" Vincent ma tani l-ebda sodisfazzjon.* ***Jiena qbadt u ffirmajt****. Jiena ma' Vincent m'inix miggielda."*. Dikjarazzjonijiet li jkomplu jikkonfermaw in-nuqqas ta' prudenza u attenzjoni min-naha tal-konvenuta f'dak li kienet qeghda taghmel. Fil-kawza **G. Germani Mifsud *et nomine* –vs- Chierico F. Bonnici** deciza fl-4 ta' Gunju 1910, il-Qorti ta' l-Appell osservat: "*... e` mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente, prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve ne` protezione ne` difesa ... se non e` state impiegata una scaltrezza ed un artifizio riprovato dall'onore per cui anche un uomo accorto sarebbe caduto nel laccio tesogli, il tribunale non puo` ascoltare la voce di colui che non puo` la slealta` altrui senza gettare sopra se stesso la taccia di spensierato ed imprudente, quando la sua cieca ed incompatibile fiducia poteva molto facilmente essere istruita"*[9].

Il-qorti ma tistax tasal biex tifhem u tiggustifika l-atteggjament min-naha tal-konvenuta, meta dak li ffirmat kien facilment accertabbli. Il-qorti qeghda taghmilha cara li m'hijiex tghid li l-konvenuta fehemet is-sinifikat tal-ftehim li ffirmat, pero' b'daqshekk ma jfissirx li kien hemm raggiri min-naha ta' l-atturi. Jekk l-attrici ma kenitx qeghda tifhem ma messha qatt iffirmat l-iskrittura li biha obbligat ruhha li tittrasferixxi l-garaxx in kwistjoni. In-nuqqasijiet taghha m'humiex raguni valida ghat-thassir tal-ftehim. L-attrici jidher li qeghda wkoll tinsa li fil-21 ta' Marzu 2007 giet notifikata b'ittra ufficjali (fol. 34) prezentata mill-atturi. F'dan l-att gudizzjarju, l-atturi ghamlu riferenza ghall-konvenju tal-21 ta' Awwissu 2006 li bih il-konvenuta

[9] Saret riferenza ghaliha fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef P. Sciberras) fl-ismijiet **Anthony Piscopo vs Charles Filletti** fis-16 ta' Gunju 2003.

obbligat ruhha li tbieghilhom il-garaxx in kwistjoni, u gharrfuha bin-nuqqasijiet li kienu rrizultaw wara li saru r-ricerki. Jekk kif tghid il-konvenuta ma kienet taf xejn dwar dan u meta ffirmat il-ftehim fil-21 ta' Awwissu 2006 kienet qeghda tifhem li ffirmat bhala garanti ghall-hlas ta' Lm12,000, ma tatx l-ebda spjegazzjoni ghalfejn ma ghamlet xejn biex tiddefendi l-interessi taghha kif giet notifikata bl-ittra ufficjali. Anzi marret u ffirmat skrittura ohra (fid-19 ta' April 2007) li biha gie mgedded il-validita' tal-konvenju ghall-perjodu ta' xahar iehor. Atteggjament li jkompli jdghajjef il-verzjoni tal-konvenuta.

Fit-tentattiv biex tissostanzja t-tezi taghha li kien hemm *"fabbrikazzjoni bejn l-atturi u l-legali taghhom"*, il-konvenuta qalet li *"….qatt ma nghatat kopja ta' dina l-iskrittura u wisq inqas ma gie spjegat lilha l-kontenut ta' l-iskrittura li hija ffirmat."* (fol. 20). Pero' dawn in-nuqqasijiet wahedhom, ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument kellu jigi accettat li fir-realta' graw, ma jistghux jikkwalifikaw bhala azzjoni idoneja sabiex tinganna lill-vittma. F'kull kaz in-nutar Andre' Farrugia spjega: *"Niftakar li dan il-konvenju gie moqri u spjegat lill-partijiet (cioe lill-konjugi Micallef u lil Marisa Assunta Spiteri). Sussegwentement il-partijiet iffirmaw l-imsemmi konvenju fil-prezenza tieghi."* (fol. 30). Meta fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2008 xehed quddiem il-qorti, rega' kkonferma li kien qara l-konvenju lill-partijiet. Qal ukoll *"Li naf bic-cert hu illi dakinhar illi gie iffirmat il-konvenju qabel ma ffirmaw, gie spjegat b'mod car in-negozju fiex ser ikun. Prezenti kien hemm Maria Assunta Spiteri. Dan l-ezercizzju sar qabel ma jiena bdejt naqra l-konvenju u wkoll qabel ma ttapjpajt il-konvenju fuq il-kompjuter."*. Lanqas ma rrizulta per ezempju li quddiem in-nutar saru diskussjonijiet minn wara dahar il-konvenuta qabel iffirmat l-iskrittura. F'dan il-kuntest issir riferenza ghax-xiehda ta':-

- **Vincent Zammit**[10]: *"Fl-ebda stadju meta gie ffirmat il-ftehim tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Awissu tat-two thousand and six (2006) ghand in-Nutar Farrugia, jiena dhalt ghand in-Nutar fl-assenza ta' Maria*

[10] Seduta tal-11 ta' Frar 2008.

*Assunta Spiteri. Jiena ma jidhirlix illi kien (hemm) xi hin meta Maria Assunta Spiteri baqghet barra. Jiena ma jidhirlix li kien kien hemm xi hin meta konna ghand in-Nutar meta Maria Assunta Spiteri ntalbet tohrog barra jew fil-fatt harget barra mill-ufficcju."* (fol. 60).

- **Konvenuta**[11]: Ikkonfermat li wara li gie ffirmat il-ftehim, *"Jiena ghand in-nutar imbaghad hrigt, qghadt bilqeghda fil-waiting room u huma baqghu ftit gewwa fl-ufficcju ghand in-nutar. Meta qed nghid "huma" Vincent Zammit, ta' Micallef u Pierre Buontempo. Wara li hargu ghidna erba' kelmiet ma' ta' Micallef u ahna rritornajna lura lejn Ghawdex."* (fol. 40).

Gialadarba hemm il-firma tal-konvenuta, il-prezunzjoni ghandha tkun li kienet taf u fehemet x'qeghda tiffirma. Il-qorti lanqas ma temmen il-verzjoni ta' Vincent Zammit meta qal: *"Niftakar li n-nutar beda jaqra mid-dokument li kellu quddiemu u li kien kiteb ghalhekk qabel. Jiena fl-ebda stadju ma smajt lin-nutar jghid illi oht il-mara kienet qeghda tobbliga ruhha li tbigh il-garax il ta' Micallef.* ***In-nutar spjegalna illi d-dokument li kien kiteb u li kien ser jigi ffirmat kien illi l-garaxx ser jaghmel tajjeb ghad-dejn li jiena kelli ma' Micallef ghas-somma ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000).****"* (fol. 49). Verzjoni li giet ghal kollox kontradetta min-nutar Andre' Farrugia. Il-qorti kellha l-opportunita' tisma' lil Vincent Zammit jixhed *viva voce* u hi tal-fehma li hu kien jaf x'negozju kien qieghed isir.

Il-konvenuta ssostni wkoll li qerq li jigi prattikat minn terza persuna, jaghti lok ghal vizzju tal-kunsens. F'dan il-kuntest il-Qorti ta' l-Appell osservat: *"Kwantu l-appell incidentali tal-attrici dwar ic-cahda tat-talba taghha fuq il-kawzali ta' qerq, ghandu jinghad mill-ewwel li, kif jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili u kif tajjeb gie ravvizat mill-ewwel Qorti, biex jista' jinghad li hemm vizzju tal-kunsens b'rizultat ta' qerq,* ***l-ingann irid jigi ppratikat minn parti wahda fil-konfront tal-parti l-ohra. Kull agir f'dan is-sens minn terz ma jistax jinfluwenza l-validita` tal-***

---

[11] Seduta tal-11 ta' Dicembru 2007.

***kunsens, salv id-dritt ta' risarciment ghad-danni da parti tal-konvenut ingannat kontra t-terz li ngannah."*** (**Rita Debono vs Lombard Bank Malta plc et** deciza fid-9 ta' Jannar 2009).

Rilevanti wkoll li fir-risposta guramentata l-konvenuta ma kkontestatx il-validita' tal-ftehim fuq xi raguni ohra li taghti lok ghal vizzju tal-kunsens. Il-qorti ma tistax ex officio tghaddi biex tezamina cirkostanzi ohra li setghu jaghtu lok ghal vizzji tal-kunsens, in kwantu dawn jaqghu barra mill-parametri tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tilqa' t-talbiet ta' l-atturi:-

1. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh tal-fond 7A, Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex taht il-pattijiet u kondizzjonijiet pattwiti fil-konvenju li sar fil-21 ta' Awwissu 2006.

2. Tordna li l-kuntratt jigi pubblikat nhar **it-Tnejn 23 ta' Marzu 2009 f'12.00 p.m.** fil-bini tal-Qorti ta' Ghawdex, jew f'data ohra li tigi ffissata mill-qorti wara li ssir talba minn min jista' ghandu nteress.

3. Tinnomina lill-avukat Dr Simone Grech bhala kuratrici sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci u lin-nutar Dr Andre' Farrugia sabiex jippubblika l-att relattiv.

Spejjez a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------